# IL-MARD TAT-TFAL.

## IT-TRABI U T-TFAL MALTIN U GĦAWDXIN.

Aħna, fl-erbgħa u tletin sena li ilna tobba, l-aktar li ħabbilna rasna, kien fuq il-mard tat-tfal, u dejjem fittxejna u flejna il-għala. Hawn Malta, it-trabi u t-tfal jimirdu wisq, għad li xiktar imnisslin minn nies f'saħħithom—l-aktar fir-rħula—u l-ommijiet aktarx ireddgħuhom: imnissla f'art imbierka fejn għadha ma daħlitx id-drawa ħażina li l-missirijiet u l-ommijiet jitmeżimżu min-nieqa u mill-kotra tat-trabi: fejn dik li jgħidulha l-imħabba tat-tfal—*the cult of the cradle,—il culto alla culla*—il-għożża tan-nieqa, għadha tħeġġeġ u għadha l-għaxqa tan nies miżżewġa. Hawn, dik li jsejħulha *race suicide* — il-qerda tan-nisel tan-nies b'idejhom—għadha, għall-ħniena t'Alla, ma daħletx; dik il-kerda li tant kitbu fuqha Father Vaughan, il-President Roosevelt (li martu, ilu ftit, żaret Malta u faħħritha ħafna) u bosta għorrief oħra.

Missierna l-għażiż, (li kien tabib ukoll), kien ukoll ħa ħsieb tal-mard tal-qerda tat-trabi u fl-1869 kien l-ewwel tabib f'Malta li kien induna li kien hawn id-*Diphtheria*. Kien dak iż-żmien tabib tal-*Pulizija*, l-Imsida, u kien sab li dil-marda kiefra u qalila kienu rikbuha l-Ħasselin ta' San Ġorġ u minn hemm xerrduha l-Imsida u bnadijiet oħra u kien salva ħafna tfal.

Kemm smajna kbarat u nisa tagħhom ifaħħru t-tfal u t-trabi f'Malta u Għawdex għas-saħħa u għas-sbuħija tagħhom! għax fejn hemm is-sbuħija hemm is-saħħa, għax il-mard ikerrah, ikasbar u jqadded it-trabi u jisfigurahom ukoll.

Il-għaref Prof. Dr. Ermanno Eicehorst ta' Zurigo, wieħed mil l-akbar tobba li qatt rat id-dinja, igħid li l-mard tat-tfal l-aktar imsemmi bħala żerriegħa tal-mewt huma l-mard ta' l-imsaren u l-mard tal-qafas u tal-pulmuni u tat-tubi tan-nifs—*bronchi.*

Il-mard ta' l-imsaren (li kiteb fuqu l-kbir Forbes-Ross waħda mil l-isbaħ opri u l-aktar ġodda — *Intestinal Intoxication in children*) hu dak li iktarx issibu fi tfal *illeġittimi* — minngħajr omm u missier magħrufa—għax dawna mitluqa għall-għonq it-triq u jieklu dak li jsibu jew dak li jatuhom il-barranin tal-ħniena milli jkollhom: il-mard tan-nifs u tas sider li aktarx issibu fit-tfal *leġittimi*, li għandhom l-omm u l-missier, għax għalkemm ġewwa jdarruhom fis-sħana, malli joħorġu barra jieħdu riħ għal kullxejn

li t-taljani Fac Fede, Biagini u oħrajn igħidu li jgħatsu "*anche aprendo il vetro di un orologio*"—mqar jekk tiftaħ il-ħġieġa ta' arloġġ.

Aħna, għad li tfal *illeġittimi* ma għandniex wisq, u għalhekk ma toqgħodx dina t-taqsima ta' l-Eicehorst, iżda, kemm ilna tobba, rajna li wkoll f'Malta dan huwa l-mard li jâti l-imnieġel lill-mewt biex taħsad ħafna tfal u ġġib l-istraġi ta' l-innoċenti.

Ħafna tfal u trabi jagħtsu. Hawn xi kotba tal-mard tat-tfal li jgħidu ħmerija kbira u jxerrdu l-fehma ħażina li meta t-trabi jagħtsu u jkollhom imneħirhom imżaddam ikunu ħadu xi riħ. Barra minn dan, jista jiġi mill-*febbre da fieno*, li Malta ftit studjata, mid-*diphtheria*, mill-ħożba, mir-*Rinite Epidemica*, mill-*Grippe* u mxijiet oħra; inbagħad tista' tiġi wkoll mis-*Sifilide Ereditaria*, li bħal ma kien jaħseb missierna, il-Prof. Galea, il-Prof. C. Samut, il-Prof. Stilon u oħrajn, hija wisq aktar imxerrda milli wieħed jaħseb. U għalhekk it-tiżdima għandna nieħdu ħsiebha u naħsbu ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx u minnflok ma nikkurawha bil-*Pomata Borica*, bl-aċidu borku u bi ħmerijiet oħra, għandna nsejħu t-tabib għax, xi drabi, kull deni ħudu b'ġid u tabib tajjeb jinduna mil l-ewwel berqa li hemm marda kerha fit-tarbija li jekk ma taħsbilhiex mill-ewwel tagħmel ħsara kbira u teqred it-tfal. B'dana kollu, naħsbu dejjem indarru 't-tfal għal-l-arja, għax l-egħluq u l-fsied fit-tfal, jiftħu t-triq għall-mard tas-sider.

Nisa Ingliżi, Franċiżi, Taljani, Ġermaniżi u oħrajn stagħġbu u qalulna kemm-il darba kemm huma b'saħħithom it-tfal ta' Malta u li l-ħtija tal-mewt u l-istraġi tagħhom huma l-ommijiet u l-qraba. Il-misħuta gażaża teqred tfal wisq: aħna ngħidulha t-tebut tat-trabi.

It-tabib filantropu G. C., sinjur ħafna, għarraq ħajtu jfittex għaliex fost il-Għarab u oħrajn bogħod miċ-ċiviltà, ħafna mard: bħal kankru, appendiċite, rickets (il-mard fil-għadam) u oħrajn ma jinsabux. Sab li fit-trabi għarab ma hemmx ħafna mard għax ma hemmx *Patent foods* u fliexken. Fuq dana ngħidu fit-tul. Hawn biss ingħidu li d-deni, kemm ta' l-imsaren u kemm tal-*Cholera Infantium* (kolera tat-tfal) il-lum igħidulu: "*Feeding-bottle Disease*".

**Dr. P. P. Agius.**

(*Jissokta*)